32007R0088

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 88/2007

tat-12 ta' Diċembru 2006

li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet tal-esportazzjoni fuq ċereali esportati fil-forma ta' prodotti tal-għaġin li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 19021100 u 190219

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli[1], u b'mod partikolari Artikoli 8(3) u 20 tagħhom,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2723/87 tal-10 ta' Settembru 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet tal-esportazzjoni fuq ċereali esportati fil-għamla ta' prodotti tal-għaġin li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 19.03 tat-Tariffa Doganali Komuni[2] kien emendat diversi drabi[3]. Fl-interess taċ-ċarezza u razzjonalità r-Regolament imsemmi għandu jiġi kodifikat.

(2) L-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 tat-30 ta' Ġunju 2005 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 f'dak li jirrigwarda s-sistema ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni fuq xi prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' prodotti li ma jaqgħux taħt l-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji biex jiġu ffissati l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet[4] jipprovdi li r-rifużjonijiet fuq prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 19021100 u 190219 jistgħu jkunu differenti skont id-destinazzjoni tagħhom.

---

1 ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 5).

2 ĠU L 261, 11.9.1987, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1713/2006 (ĠU L 321, 21.11.2006, p. 11).

3 Ara l-Anness III.

4 ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1792/2006 (ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1).

(3) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar esportazzjonijiet tal-Komunità ta' prodotti tal-patata lejn l-Istati Uniti tal-Amerika approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/482/KEE[5] ipprovda għal dawn id-differenzi, li b'effett mill-1 ta' Ottubru 1987, fil-każ ta' esportazzjonijiet tal-prodotti msemmija lejn l-Istati Uniti tal-Amerika.

(4) L-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli[6] jipprovdi li l-parti tar-rifużjoni mħallsa malli l-prodott jitlaq it-territorju doganali tal-Komunità għandha tiġi kkalkulata fuq bażi tal-anqas rata ta' rifużjoni. Dik id-dispożizzjoni tista' timpedixxi esportazzjonijiet ta' prodotti tal-għaġin li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 19021100 u 190219 lejn destinazzjonijiet oħra minbarra l-Istati Uniti tal-Amerika. Għalhekk, għandha ssir eċċezzjoni għal dik ir-regola.

(5) Konsegwentement, hu importanti li jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tar-rifużjoni li ma jħallux li l-formalitajiet tal-kontroll amministrattiv ikunu ta' xkiel bla bżonn. Għal dan il-għan għandhom isiru eċċezzjonijiet għal ċerti regoli dettaljati stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 800/1999.

(6) B'konsegwenza tad-deċiżjonijiet meħuda skont il-politika kummerċjali komuni għandha ssir proviżjoni sabiex prodotti tal-għaġin li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 19021100 u 190219 u esportati lejn l-Istati Uniti għandu jkollhom ċertifikat li jiddikjara li dawn ser ikunu esportati wara operazzjoni ta' proċessar intern jew permezz ta' ċertifikat li jiddikjara li dawn jikkwalifikaw għal rata ta' rifużjoni applikabbli, f'każi ta' esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, għal prodotti taċ-ċereali bażiċi użati fil-manifattura tagħhom. Il-prodotti tal-għaġin konċernati setgħu ġew manifatturati minn prodotti taċ-ċereali bażiċi li xi wħud minnhom kienu soġġetti għall-arranġamenti ta' proċessar intern u li xi wħud minnhom kienu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23(2) tat-Trattat. Għalhekk, għandha ssir proviżjoni sabiex kwalunkwe kwantità ta' prodotti tal-għaġin esportata lejn l-Istati Uniti jista' jkollha wieħed biss miċ-ċertifikati msemmija.

(7) Biex is-sistema tkun immaniġġjata kif suppost, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-istatistika neċessarja lill-Kummissjoni.

(8) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni fuq kwistjonijiet orizzontali rigward il-kummerċ ta' prodotti agrikoli proċessati mhux elenkati fl-Anness I għat-Trattat.

---

[5] ĠU L 275, 29.9.1987, p. 36.

[6] ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Meta prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 19021100 u 190219 jkunu esportati lejn destinazzjoni għajr l-Istati Uniti tal-Amerika, ir-rifużjoni speċjali ffisata għall-esportazzjoni taċ-ċereali fil-forma ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 19021100 u 190219 lejn l-Istati Uniti tal-Amerika ma għandhiex tiġi kkunsidrata għad-determinazzjoni tal-anqas rata ta' rifużjoni fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

2. Meta prodotti taċ-ċereali koperti minn waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23(2) tat-Trattat jintużaw għall-manifattura ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 19021100 u 190219 u li jinkorporaw ċerti kwantitajiet ta' ċereali soġġetti għall-arranġamenti ta' proċessar intern, l-esportazzjoni tal-prodotti konċernati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika ma għandhiex tikkonferixxi d-dritt għar-rifużjoni tal-esportazzjoni għall-prodotti msemmija.

L-Artikolu 2

1. Għall-esportazzjoni ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 19021100 u 190219 lejn l-Istati Uniti tal-Amerika l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni hi aċċettata mid-dwana għandha, fuq talba ta' partijiet konċernati, toħroġ 'Ċertifikat għall-esportazzjoni ta' għaġin lejn l-Istati Uniti tal-Amerika', irreferut bħala 'ċertifikat P 2' aktar il-quddiem f'dan id-dokument.

2. Iċ-ċertifikat P 2, li għandu jikkonsisti minn kopja oriġinali u tliet kopji, li għandu jkun ikkompilat skont il-kampjun fl-Anness I u għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Anness II.

L-Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat P 2 u l-kopji tiegħu għandhom jinħarġu mill-aġenzija għall-ħruġ taċ-ċertifikati appuntata minn kull Stat Membru. Kull ċertifikat maħruġ għandu jiġi identifikat permezz ta' numri tas-serje tal-identifikazzjoni assenjati għalihom mill-aġenzija tal-ħruġ taċ-ċertifikati. Il-kopji għandu jkollhom l-istess numri tas-serje tal-identifikazzjoni bħall-oriġinali.

2. L-aġenzija għall-ħruġ taċ-ċertifikati għandha żżomm il-kopja Nru 3 u għandha tibgħat il-kopja oriġinali u ż-żewġ kopji l-oħra, bit-timbru tal-aġenzija fil-kaxxa 9 kif muri fil-kampjun fl-Anness I, lill-esportatur, li għandu jippreżentahom fl-uffiċċju tad-dwana fil-Komunità fil-ħin tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti tal-Amerika.

L-Artikolu 4

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-dokument imsemmi fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 għandu jiddikjara, flimkien mal-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 5(4) msemmi, in-numri tas-serje tal-identifikazzjoni u d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat P 2.

2. L-awtorità kompetenti għandha tindika, fil-parti adattata tal-kaxxa 10 tal-kopja oriġinali u l-kopji taċ-ċertifikat P 2, jekk il-prodotti jikkwalifikawx għal rifużjoni. L-uffiċċju tad-dwana imsemmi fl-Artikolu 3(2) jeħtieġlu jiċċekkja li d-dokument hu mimli kif suppost u jagħmel it-timbru tiegħu fil-kaxxa 10 tal-kopja oriġinali u tal-kopji taċ-ċertifikat P 2.

3. Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 1(2), iċ-ċertifikat P 2 ma għandux jiġi ttimbrat mill-uffiċċju tad-dwana imsemmi fl-Artikolu 3(2).

4. Iċ-ċertifikat P 2 u l-kopja Nru 1 tiegħu għandhom jintbagħtu mill-uffiċċju tad-dwana lill-parti interessata. Il-kopja Nru 2 taċ-ċertifikat għandha tinżamm mill-uffiċċju tad-dwana.

L-Artikolu 5

Fil-każ ta' esportazzjoni lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, l-aġenzija tal-ħlas għandha tħallas ir-rifużjoni meta l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fir-regoli tal-Komunità jintlaħqu u meta, barra dan, id-dokument imsemmi fl-Artikolu 4(1), hu mimli kif suppost, u l-kopja oriġinali taċ-ċertifikat P 2, ittimbrata mill-uffiċċju tad-dwana imsemmi fl-Artikolu 3(2), huma preżentati.

L-Artikolu 6

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mill-aħħar ta' kull xahar, l-istatistiki relatati mal-kwantitajiet ta' prodotti tal-għaġin, skont il-kodiċijiet tan-NM, jispeċifikaw il-kwantitajiet li jikkwalifikaw għal rifużjoni tal-esportazzjoni u l-kwantitajiet li ma jikkwalifikawx għar-rifużjoni tal-esportazzjoni, li għalihom ġew ittimbrati ċertifikati matul ix-xahar ta' qabel mill-uffiċċji tad-dwana fejn ġew aċċettati d-dikjarazzjonijiet tal-esportazzjoni, fl-indirizz li ġej:

European Commission,

Directorate-General Enterprise and Industry,

Non-Annex I products,

B-1049 Bruxelles/Brussel

.

L-Artikolu 7

Ir-Regolament (KEE) Nru 2723/87 huwa rrevokat.

Referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom ikunu interpretat bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrellazzjoni fl-Anness IV.

L-Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi President

ANNESS I

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT IMSEMMI FL-ARTIKOLU 2(2)

1 Esportatur (l-isem u l-indirizz sħiħ, inkluż l-Istat Membru)	**ĊERTIFIKAT GĦALL-ESPORTAZZJONI TAL-GĦAĠIN LEJN L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA** **Nru**	**P2** **ORIĠINAL**
2. Destinatarju (l-isem u l-indirizz sħiħ)	3 AWTORITÀ TAL-ĦRUĠ	
Noti	4 L-Istat Membru tal-esportazzjoni	
A. L-oriġinal u l-kopji 1, 2 u 3 ta' din il-formola, li fiha l-esportatur jeħtieġlu jimla l-kaxxi 1, 2, 4 u 8, huma approvati mill-awtorità ta' ħruġ murija fil-kaxxa 3.		5 il-pajjiż tad-destinazzjoni
B. Jeħtieġ li l-oriġinal u l-kopji 1, 2 bl-approvazzjoni tal-awtorità ta' ħruġ murija fil-kaxxa 9, ikunu ppreżentati lill-uffiċċju doganali kompetenti fil-Komunità li fih tkun iddepożitata d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni relatata mal-merkanzija. C. Jeħtieġ li l-kopja 1 bl-approvazzjoni, fil-kaxxa 10, min-naħa tal-uffiċċju doganali msemmi f'B, tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali kompetenti fl-Istati Uniti tal-Amerika. D. L-esportatur jeħtieġlu jibgħat oriġinal, bl-approvazzjoni, fil-kaxxa 10, min-naħa tal-uffiċċju doganali msemmi f'B, lill-aġenzija tal-pagamenti tal-Istat Membru tal-esportazzjoni.		
6 Marki u numri – Għadd u t-tip ta' pakketti – Deskrizzjoni tal-merkanzija		7 Massa grossa (kg) 8 Massa netta (kg)
9 APPROVAZZJONI MIN-NAĦA TAL-AWORITÀ TA' ĦRUĠ Post u data: Firma: Timbru:		
10 APPROVAZZJONI MIN-NAĦA TAL-UFFIĊĊJU DOGANALI KOMPETENTI FIL-KOMUNITÀ B'dan niċċertifika li l-merkanzija deskritta hawn fuq (immarka l-kaxxa b'salib fejn applikabbli): --sejra tintalab rata ta' rifużjoni f'konformità mat-termini tal-ftehim KE/USA dwar l-għaġin.....☐ --mhi sejra tintalab l-ebda rifużjoni .....☐ B'dan niċċertifika li twettqu l-formalitajiet doganali tal-esportazzjoni għall-merkanzija deskritta hawn fuq Dokument tal-esportazzjoni: Tip: Numru: Data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni : Uffiċċju tad-dwana: Stat Membru: Post u data: Firma: Timbru:		

1 Esportatur (l-isem u l-indirizz sħiħ, inkluż l-Istat Membru)	**ĊERTIFIKAT GĦALL-ESPORTAZZJONI TAL-GĦAĠIN LEJN L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA** **Nru**	**P2** **KOPJA 1**
2. Destinatarju (l-isem u l-indirizz sħiħ)	3 AWTORITÀ TAL-ĦRUĠ	
Noti	4 L-Istat Membru tal-esportazzjoni	
A. L-oriġinal u l-kopji 1, 2 u 3 ta' din il-formola, li fiha l-esportatur jeħtieġlu jimla l-kaxxi 1, 2, 4 u 8, huma approvati mill-awtorità ta' ħruġ murija fil-kaxxa 3.		5 il-pajjiż tad-destinazzjoni
B. Jeħtieġ li l-oriġinal u l-kopji 1, 2 bl-approvazzjoni tal-awtorità ta' ħruġ murija fil-kaxxa 9, ikunu ppreżentati lill-uffiċċju doganali kompetenti fil-Komunità li fih tkun iddepożitata d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni relatata mal-merkanzija. C. Jeħtieġ li l-kopja 1 bl-approvazzjoni, fil-kaxxa 10, min-naħa tal-uffiċċju doganali msemmi f'B, tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali kompetenti fl-Istati Uniti tal-Amerika. D. L-esportatur jeħtieġlu jibgħat oriġinal, bl-approvazzjoni, fil-kaxxa 10, min-naħa tal-uffiċċju doganali msemmi f'B, lill-aġenzija tal-pagamenti tal-Istat Membru tal-esportazzjoni.		
6 Marki u numri – Għadd u t-tip ta' pakketti – Deskrizzjoni tal-merkanzija		7 Massa grossa (kg) 8 Massa netta (kg)
9 APPROVAZZJONI MIN-NAĦA TAL-AWORITÀ TA' ĦRUĠ Post u data: Firma: Timbru:		
10 APPROVAZZJONI MIN-NAĦA TAL-UFFIĊĊJU DOGANALI KOMPETENTI FIL-KOMUNITÀ B'dan niċċertifika li l-merkanzija deskritta hawn fuq (immarka l-kaxxa b'salib fejn applikabbli): --sejra tintalab rata ta' rifużjoni f'konformità mat-termini tal-ftehim KE/USA dwar l-għaġin.....☐ --mhi sejra tintalab l-ebda rifużjoni .....☐ B'dan niċċertifika li twettqu l-formalitajiet doganali tal-esportazzjoni għall-merkanzija deskritta hawn fuq Dokument tal-esportazzjoni: Tip: Numru: Data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni : Uffiċċju tad-dwana: Stat Membru: Post u data: Firma: Timbru:		

1 Esportatur (l-isem u l-indirizz sħiħ, inkluż l-Istat Membru)	**ĊERTIFIKAT GĦALL-ESPORTAZZJONI TAL-GĦAĠIN LEJN L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA** **Nru**	**P2** **KOPJA 2**
2. Destinatarju (l-isem u l-indirizz sħiħ)	3 AWTORITÀ TAL-ĦRUĠ	
Noti	4 L-Istat Membru tal-esportazzjoni	
A. L-oriġinal u l-kopji 1, 2 u 3 ta' din il-formola, li fiha l-esportatur jeħtieġlu jimla l-kaxxi 1, 2, 4 u 8, huma approvati mill-awtorità ta' ħruġ murija fil-kaxxa 3.		5 il-pajjiż tad-destinazzjoni
B. Jeħtieġ li l-oriġinal u l-kopji 1, 2 bl-approvazzjoni tal-awtorità ta' ħruġ murija fil-kaxxa 9, ikunu ppreżentati lill-uffiċċju doganali kompetenti fil-Komunità li fih tkun iddepożitata d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni relatata mal-merkanzija. C. Jeħtieġ li l-kopja 1 bl-approvazzjoni, fil-kaxxa 10, min-naħa tal-uffiċċju doganali msemmi f'B, tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali kompetenti fl-Istati Uniti tal-Amerika. D. L-esportatur jeħtieġlu jibgħat oriġinal, bl-approvazzjoni, fil-kaxxa 10, min-naħa tal-uffiċċju doganali msemmi f'B, lill-aġenzija tal-pagamenti tal-Istat Membru tal-esportazzjoni.		
6 Marki u numri – Għadd u t-tip ta' pakketti – Deskrizzjoni tal-merkanzija		7 Massa grossa (kg) 8 Massa netta (kg)
9 APPROVAZZJONI MIN-NAĦA TAL-AWORITÀ TA' ĦRUĠ Post u data: Firma: Timbru:		
10 APPROVAZZJONI MIN-NAĦA TAL-UFFIĊĊJU DOGANALI KOMPETENTI FIL-KOMUNITÀ B'dan niċċertifika li l-merkanzija deskritta hawn fuq (immarka l-kaxxa b'salib fejn applikabbli): --sejra tintalab rata ta' rifużjoni f'konformità mat-termini tal-ftehim KE/USA dwar l-għaġin.....☐ --mhi sejra tintalab l-ebda rifużjoni .....☐ B'dan niċċertifika li twettqu l-formalitajiet doganali tal-esportazzjoni għall-merkanzija deskritta hawn fuq Dokument tal-esportazzjoni: Tip: Numru: Data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni : Uffiċċju tad-dwana: Stat Membru: Post u data: Firma: Timbru:		

1 Esportatur (l-isem u l-indirizz sħiħ, inkluż l-Istat Membru)	**ĊERTIFIKAT GĦALL-ESPORTAZZJONI TAL-GĦAĠIN LEJN L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA** **Nru**	**P2** **KOPJA 3**
2. Destinatarju (l-isem u l-indirizz sħiħ)	3 AWTORITÀ TAL-ĦRUĠ	
Noti	4 L-Istat Membru tal-esportazzjoni	
A. L-oriġinal u l-kopji 1, 2 u 3 ta' din il-formola, li fiha l-esportatur jeħtieġlu jimla l-kaxxi 1, 2, 4 u 8, huma approvati mill-awtorità ta' ħruġ murija fil-kaxxa 3.		5 il-pajjiż tad-destinazzjoni
B. Jeħtieġ li l-oriġinal u l-kopji 1, 2 bl-approvazzjoni tal-awtorità ta' ħruġ murija fil-kaxxa 9, ikunu ppreżentati lill-uffiċċju doganali kompetenti fil-Komunità li fih tkun iddepożitata d-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni relatata mal-merkanzija. C. Jeħtieġ li l-kopja 1 bl-approvazzjoni, fil-kaxxa 10, min-naħa tal-uffiċċju doganali msemmi f'B, tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali kompetenti fl-Istati Uniti tal-Amerika. D. L-esportatur jeħtieġlu jibgħat oriġinal, bl-approvazzjoni, fil-kaxxa 10, min-naħa tal-uffiċċju doganali msemmi f'B, lill-aġenzija tal-pagamenti tal-Istat Membru tal-esportazzjoni.		
6 Marki u numri – Għadd u t-tip ta' pakketti – Deskrizzjoni tal-merkanzija		7 Massa grossa (kg) 8 Massa netta (kg)
9 APPROVAZZJONI MIN-NAĦA TAL-AWORITÀ TA' ĦRUĠ Post u data: Firma: Timbru:		
10 APPROVAZZJONI MIN-NAĦA TAL-UFFIĊĊJU DOGANALI KOMPETENTI FIL-KOMUNITÀ B'dan niċċertifika li l-merkanzija deskritta hawn fuq (immarka l-kaxxa b'salib fejn applikabbli): --sejra tintalab rata ta' rifużjoni f'konformità mat-termini tal-ftehim KE/USA dwar l-għaġin.....☐ --mhi sejra tintalab l-ebda rifużjoni .....☐ B'dan niċċertifika li twettqu l-formalitajiet doganali tal-esportazzjoni għall-merkanzija deskritta hawn fuq Dokument tal-esportazzjoni: Tip: Numru: Data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni : Uffiċċju tad-dwana: Stat Membru: Post u data: Firma: Timbru:		

ANNESS II

DISPOŻIZZJONIJIET RELATATI MAĊ-ĊERTIFIKAT IMSEMMI FL-ARTIKOLU 2(2)

1. Il-formola li fuqha jsir iċ-"Ċertifikat għall-esportazzjoni ta' għaġin lejn l-Istati Uniti tal-Amerika" hija stampata fuq karta bajda bl-ebda polpa mekkanika, irfinuta għall-finijiet tal-kitba u li tiżen bejn 40 u 65 gramma kull metru kwadru. Tista' tkun stampata wkoll fuq karta NCR bl-istess karatteristiċi.

2. Id-daqs tal-formola għandu jkun 210 × 297 mm (A4).

3. L-Istati Membri għandhom jistampaw il-formoli jew inkella jikkuntrattaw biex ikunu stampati.

4. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li, minbarra t-test bl-Ingliż, iċ-ċertifikat li jintuża fit-territorju tagħhom jinkiteb b'waħda mil-lingwi uffiċjali tagħhom.

5. L-oriġinal u l-kopji għandhom jimtlew bit-tipa jew bl-id. Jekk jimtlew bl-id, dan għandu jsir bil-linka u b'ittri kapitali.

ANNESS III

Ir-Regolament irrevokat bl-emendi suċċessivi tiegħu	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2723/87 (ĠU L 261, 11.9.1987, p. 11)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3859/87 (ĠU L 363, 23.12.1987, p. 28)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1054/95 (ĠU L 107, 12.5.1995, p. 5)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1713/2006 (ĠU L 321, 21.11.2006, p. 11)	L-Artikolu 4 biss

ANNESS IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI	
Ir-Regolament (KEE) Nru 2723/87	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1(1), is-sentenza introduttorja	L-Artikolu 1(1)
L-Artikolu 1(1), l-ewwel inċiż	L-Artikolu 1(1)
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 1(2)
L-Artikoli 2 sa 6	L-Artikoli 2 sa 6
—	L-Artikolu 7
L-Artikolu 7 l-ewwel paragrafu	L-Artikolu 8
L-Artikolu 7 it-tieni paragrafu	—
L-Anness I	L-Anness I
L-Anness II	L-Anness II
—	L-Anness III
—	L-Anness IV